**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 28.06.09: IT-TLETTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**

## FTUH TA' RADJU MARGERITA

Ilum se jkollna l-ftuh mill-ġdid ta' Radju Margerita, ir-radju tal-Komunita Parrokkjali tagħna.Dan se jkun servizz li bih nersqu lejn il-festa tal-Patruna tagħna u nkunu nistgħu nwasslu l-messaġġl l-funzjonijiet li jsiru kemm lill-morda tagħna u anke dawk li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar. Barra minn hekk qed nestendu wkoll dan is-servizz lill-ħutna 'l bogħod minn xtutna permezz ta' l-internet.
Dan l-istazzjon wieħed isibu fuq il-frekwenza **96.1FM.** Min jixtieq jikkuntatja l-istudios ta' Radju Margerita jista' jagħmel dan fuq it-Tel: 21557043 jew 21560493 jew email : RadjuMargerita@sannatparish.com

**IT-TNEJN, 29.06. SOLENNITA' TA' L-APPOSTLI SAN PIETRU U SAN PAWL.**
Illum se jsir l-Għeluq tas-Sena Pawlina mill-Kardinal Legat tal-Papa l-Em Tiegħu Ennio Antonelli fil-Pjazza tal-Konkatidral ta' San Ġwann, Valletta.

**L-ERBGĦA, 1.07.09: Tifkira tal-Beatu Nazju Falzon.**
**IL-ĦAMIS, 2.07.09:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar
**Fis-7.15a.m.** Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**IL-ĠIMGĦA, 3.07.09: Festa ta' San Tumas Appostlu**
**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.**
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mit-3.00p.m. 'l quddiem.
Nagħmel appell biex insibu ftit ħin għal Ġesu' fl-Ewkaristija
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Kitarri .
F'din il-quddiesa jieħdu sehem is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali Sannat il-ġdid bħala bidu tal-ħidma tiegħu.
**Fit-8.30p.m.** se ssir quddiesa għall-Professjonisti kollha. Din se tkun fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria. Ikun hemm il-qrar qabel il-quddiesa

## GABRA GHALL-FESTA

Illum mil-4.00p.m. 'l quddiem se nagħmlu t-Tieni Ġabra għall-Festa.
Nagħmel appell biex kulħadd jagħti mill-aħjar li jista', biex inlaħħqu mal-ispejjes kbar li titlob il-festa.

**IL-ĦADD, 5.07.09: L-ERBATAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
**Fil-10.30a.m.** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.

### KORS GĦALL-GĦARAJJES

Matul ix-xahar ta' Lulju se jsir Kors ta' tħejjija għaż-żwieġ organizzat mill-Moviment ta' Kana. Dawk interessati għandhom imorru fiċ-Ċentru ta' Kana biex jimlew l-applikazzjoni.

### JIBDA IX-XAHAR TA' LULJU

Se nibdew ix-xahar ta' Lulju li aħna nafuh bħala ix-xahar ta' Santa Margerita, u għalhekk nixtieq nagħmel appell biex aħna jkollna mpenn ħalli nitħejjew tajjeb għall-festa tal-Patruna tagħna. Filwaqt li qed isir armar u tħejjija oħra materjali għall-festa jeħtieġ li nitħejjew ukoll spiritwalment.
Għalhekk, tajjeb li nagħmlu xi talba speċjali lill-Patruna tagħna u wieħed jista jinqeda anke bil-Kurunella li se jkun hemm kopji tagħha fil-bankijiet tal-knisja.